MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Numru. 284/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Carlo Stivala ta’ 30 sena, iben Carmelo u Maria nee’ Debono, imwieled Attard fis-26 ta’ Gunju 1980 u joqghod fl-indirizz Flat numru 4, Tal-Qroqq Mansions, Tal-Qroqq Street, Msida detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 23589(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Carlo Stivala li gie akkuzat talli fit-2 ta’ Gunju 2008 gewwa il-bini tal-Qorti li jinsab fi Triq ir-Repubblika, Valletta waqt proceduri kriminali ghamel attentat ta’ koruzzjoni ta’ xhud u cioe’ Therese Marie Stivala sabiex taghti xhieda falza.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li ikkaguna li haddiehor biza li ser tintuza vjolenza meta kien jaf jew missu kien jaf li b'tali imgieba ser jikkaguna lil haddiehor biza.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Therese Marie Stivala bi kliem.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-12 ta' Marzu 2009 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-kawza twieldet minn proceduri kriminali ohra illum konkluzi li kienu ittiehdu fil-konfront ta'l-imputat fuq akkuzi ta'tentattiv ta' feriti gravi fuq membru tal-korp tal-pulizija u fuq mart l-imputat Marie Therese Stivala. Illi dawn il-proceduri gew decizi fil-mori ta' dina l-kawza u dana b'sentenza ta' dina l-Qorti kif ippresjeduta tat-12 ta' Mejju 2010. Illi l-imputat huwa issa akkuzat illi ipprova jikkorrompi lil martu sabiex ma tixhidx is-sewwa u dana qabel ma tat ix-xhieda taghha f'dawk il-proceduri fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2008.

Illi Marie Therese Stivala tallega illi filwaqt illi kienet qed tistenna barra l-awla tal-Qorti sabiex hija taghti ix-xhieda taghha, resaq fuqha l-imputat, beda jallega illi kellu xi ritratti fil-pussess tieghu fejn kienet tidher hija fil-kumpanija ta' persuna tas-sess maskili u li kien ser juza dawn ir-ritratti kontra taghha fil-proceduri tas-separazzjoni li kien hemm pendenti bejniethom. Inoltre tghid illi heddidha illi jekk kien ser jehel xi habs minhabba f'dak illi kienet ser tixhed, huwa kien ser joqtol membru tal-familja taghha ghal kull jum ta' prigunerija li kienet tinghatalu jekk kien jinstab hati mill-Qorti.

Illi Marie Therese Stivala wara dina l-konversazzjoni, giet imsejjha tixhed u fil-fatt hija tat ix-xhieda taghha fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2008. Hija tixhed dwar il-fatti ta'l-incident mertu tal-kawza, sarilha ukoll kontro-ezami. Wara li tat ix-xhieda taghha, hija infurmat lill-avukata taghha b'dak li kien sehh u gie intavolat rikors fejn hija allegat illi ix-xhieda taghha ma kenitx wahda korretta u preciza minhabba it-theddid li kienet irceviet minn ghand zewgha. Wara dana l-Kummissarju tal-Pulizija gie ordnat mill-Qorti sabiex jinvestiga l-allegazzjoni maghmula minn Marie Therese Stivala. Illi l-imputat min-naha tieghu jichad dana kollu.[1]

Illi qabel xejn ghandhom jigu rilevati zewg punti saljenti li ma gewx ippruvati:

1. Illi ma jidhirx mix-xhieda moghtija minn Marie Therese Stivala fit-2 ta' Gunju 2008 illi hija tipprova tiskolpa lil zewgha mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu f'dik il-kawza. Hija taghti id-dettalji kollha dwar l-incident u anke isirilha kontro-ezami fejn hija tibqa' issostni il-verzjoni taghha.
2. Illi fl-ebda mument matul l-iter kollu tal-kawza, ma terga' tiehu il-pedana tax-xhieda, u dana anke wara li jittiehdu il-proceduri odjerni fil-konfront ta'l-imputat, sabiex tbiddel il-verzjoni taghha jew tindika xi inezattezzi fix-xhieda li hija tat allegatament minhabba dina it-theddida li kienet irceviet minn ghand zewgha.

Dana kollu qed jigi rilevat peress illi l-imputat jinsab akkuzat b'mod ewlieni bir-reat tat-tentattiv ta' korruzzjoni ta' xhud jew 'l hekk imsejjah reat ta' subornazzjoni u dana a tenur ta'l-artikolu 102(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dina id-disposizzjoni tal-ligi giet emendat bl-Att numru XXXI ta'l-2007 fejn gie mizjud is-sub-inciz 3 li jaqra:

"meta l-korruzzjoni tkun saret bl-uzu ta' forza, theddid, biza' jew bit-tweghid, offerta jew ghoti ta' xi vantagg mhux dovut sabiex tingieghel li tinghata xiehda falza, il-piena

[1] Ara stqarrija ta'l-imputat Dokument FF1 a fol.17 u 18 tal-process

msemmija fil-paragrafu (a) mizjuda bi grad wiehed jew tnejn."

Dana ir-rekwizit madanakollu jidher li jakkompanja ir-reat ikkunsmat u mhux it-tentattiv tal-korruzzjoni li dwaru l-imputat jinsab akkuzat. Illi minn imkien mill-provi akkwiziti ma jirrizulta illi l-imputat ipprova jikkorrompi lil martu sabiex taghti xhieda falza fil-kawza kriminali li kien hemm pendenti fil-konfront tieghu. Hija tghid illi huwa heddidha li joqtol membru tal-familja taghha ghal kull sena habs li kien ser jehel, izda minn imkien mix-xhieda li taghti Stivala ma jirrizulta illi l-imputat qalilha li kien ser jaghmel dana jekk hija tixhed is-sewwa jew li b'xi mod qalilha biex tixhed falz ghaliex altrimenti kien ser joqtol membru tal-familja taghha ghal kull sena habs li jehel. Jidher car illi huwa nieqes in-ness bejn it-theddida maghmula u ix-xhieda li kienet ser taghti Marie Therese Stivala ftit tal-hin wara. L-Qorti kwindi hija tal-fehma illi ma giex ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat b'xi mod ipprova jikkorrompi lil martu Marie Therese Stivala sabiex hija tixhed il-falz.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Inhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of*

*conduct will cause the other so to fear on each of those occasions.”* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista’ jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *“A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…”* . Il-kliem “on each of those occasions” huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f’okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, “on at least two occasions”. Ghal xi ragunu – fil-fehma ta’ din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem “on at least two occasions thallew barra”. Fi kliem l-edituri ta’ **Blackstone’s Criminal Practice, 2008** :

**“How separate the two occasions must remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived ‘where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct’. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…”**

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta’ x’jammonta ghal “course of conduct” ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta’ ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali “imgieba”, haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta’ doza qawwija ta’ saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f’din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta’ minuti) ma jammontax

ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Illi minn dina l-esposizzjoni legali ma hemmx dubbju illi dana ir-reat li jinsab akkuzat bih l-imputat fit-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu ma jistax jissussisti. Dana ma kienx xi *course of conduct* izda certament u minghajr l-icken dubbju kienet okkazzjoni unika. Stivala stess tixhed: "Ghandi nghid illi din kienet l-unika darba fejn sehh dan l-incident u cioe' fejn l-imputat heddidni qabel ma tlajt nixhed quddiem il-Qorti."[2] Ghaldaqstant l-imputat ser jigi illiberat ukoll minn dina l-akkuza.

Illi dwar l-ahhar akkuza ta' natura kontravvenzjonali u cioe' fejn l-imputat jinsab akkuzat li hedded lil martu f'dina l-okkazzjoni tat-2 ta' Gunju 2008. Illi kif diga inghad iktar 'il fuq ghalkemm Marie Therese Stivala tghid illi hija giet mhedda minn zewgha, madanakollu zewgha fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija jichad dana kollu kategorikament. Illi l-Qorti ghalhekk hija ifaccjata b'kunflitt fil-provi u ghalhekk ghandha dubbju dettat mir-raguni ghar-rgward ta' dak li sehh verament f'dina l-okkazzjoni tat-2 ta' Gunju 2008 barra l-awla tal-Qorti. Kif diga kellha okkazzjoni ohra tesprimi ruhha dina l-Qorti jidher l-proceduri ta' separazzjoni bejn dina l-koppja kienu ikkaraterizzati b'certu animosita'. Inoltre meta tixhed Marie Therese Stivala f'dina l-kawza hija tghid testwalment: "Wara dana jiena kelli nidhol nixhed quddiem il-Qorti izda nghid illi dak il-hin bdejt nahseb illi huwa kien ser jasal biex jaghmlilna xi haga u bdejt nibza u nghid illi lanqas biss niftakar il-mistoqsijiet li kienu qed isiruli u lanqas niftakar il-mod kif wegibt.[3]" Dan li tistqarr ix-xhud jikkontrasta ma' dak illi fil-fatt jirrizulta mil-mod kif xehdet f'dik is-seduta[4]. Ix-xhieda taghha hija wahda preciza u

---

[2] Ara xhieda ta' Marie Therese Stivala a fol.20
[3] Ara xhieda ta' Marie Therese Stivala a fol.20
[4] Ara Dokument JM a fol. 33 et seq.

dettaljata u sahansitra isirilha ukoll kontro-ezami fejn ix-xhud twiegeb ghal mistoqsijiet li isirulha ukoll b'certu dettal. Kwindi fid-dawl ta' dana il-kunflitt il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza ukoll.

Ghaldaqstant il-Qorti fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali qed tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------